# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 1399

Kaz Nru. 1680

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Gail Smith Brundyn

u

Mayoka Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

illum il-Gimgha 4 ta' April 2003

**<u>Chairman: Is-Sur Carmel Debono</u>**

1. Introduzzjoni.

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata l-1 ta' Awissu 2002 Ref. MSP/TI/64/2002 biex tigi pprocessata skond l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) skond l-Artiklu 28 (2) ta' l-istess Att.

L-appellanta kienet assistita mis-sur Lino Vassallo, Segretarju Taqsima Lukandi, Restoranti, Ikel u Xorb tal-Union Haddiema Maqghudin waqt li l-parti appellata kienet rapprezentata mis-sur Jean Vella, Direttur, assistit mill-Avukat Adrian Delia LL.D.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

2. Xhieda.

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:-

Is-sur Jean Vella - Direttur
Ms Karolina Dreliszak - impjegata
Ms Analise Loporto - *Manageress*
Is-Sinjura Joanna Caruana - *ex-Manageress*
Is-Sinjura Marion Vella - Direttrici
Ms Christina Nielsen - Raprezentanta tal-prodotti *Givenchy*
Is-Sinjura Gail Smith Brundyn - l-appellanta

3. Dokumenti.

Waqt is-smiegh tal-kaz, gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

4. l-Istorja.

Is-Sinjura Gail Smith Brundyn kienet giet impjegata fl-1 ta' April 2002 mas-Socjeta' Mayoka Spa Hilton, li aktar tard saret mgharufa bhala Mayoka Ltd. L-impjieg taghha gie tterminat fis-19 ta' Lulju 2002 waqt li s-Socjeta' tiddikjara li l-xoghol tal-appellanta kien ta' "receptionist", l-appellanta tikkontendi li kienet intervistata ghal impjegata

"manageress". Meta gie tterminat l-impjieg taghha ghar-raguni li kellha nuqqasijiet li ma setghux jigu ttollerati, dejjem skond is-Socjeta', l-appellanta kellha salarju ta' Lm300 fix-xahar u hlas ta' kummissjoni.

L-appellanta kkontendiet li l-impjieg taghha kellu l-bidu tieghu fil-bidu ta' Marzu 2002, izda s-Socjeta' spjegat li dan il-perjodu f ' Marzu sal-1 ta' April 2002 kien "tahrig".

5. Kunsiderazzjonijiet.

It-Tribunal sema' lis-Socjeta' tirreteni li minkejja d-diversi drabi li kienet giet imwissija verballment biex tikkorregi n-nuqqasijiet taghha, dan kien kollu ghal xejn u s-Socjeta' kienet kostretta tittermina l-impjieg tal-appellanta. Dawn l-allegati nuqqasijiet kienu jirrigwardaw l-"approach" tal-appellanta lejn il-klijenti, u kollegi fuq ix-xoghol, barra nuqqas ta' dilgenza dwar "bookings".

It-Tribunal huwa tal-fehma li xi whud mill-allegati skorrettezzi setghu kienu dovuti lejn nuqqas ta' ftehim bejn l-appellanta u l-kollegi shaba.

It-Tribunal ma jistax izda jinjora l-ilmenti tad-dirigenti tas-Socjeta' li minkejja d-disponibilita' taghhom biex jikkonvincu lill-appellanta tikkoregi l-allegati nuqqasijiet taghha din ma rrisponditx posittivament u per konsegwenza li ma setghux jittolleraw aktar repetizzjoni tan-nuqqasijiet taghha.

Fir-rigward tal-*complaint* dwar l-allokazzjoni tardivi tat-*tips* lill-kollegi taghha, t-Tribunal hu sodisfatt li dan ma kienx isir b'mottiv hazin, u tant hu hekk li anke s-Socjeta' ikkonfermtu waqt is-smiegh tal-kaz.

It-Tribunal huwa sodisfatt li meta tkellmet mad-Direttur fit-12 ta' Gunju 2002 fuq il-kontenut tal-ittra li kien bi hsiebu jtiha dwar l-allegati nuqqasijjiet taghha, jidher li din l-ittra kienet giet irtirata.

It-Tribunal jifhem il-preokkupazzjoni tas-Socjeta' li ma setghetx tittollera sitwazzjoni fejn apparti jekk in-nuqqasijiet tal-appellanta kienux ta' certa gravita', fejn prattikament il-kollegi taghha ma kellhomx relazzjoni tajba mal-appellanta.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll l-attegjament zbaljat tas-Socjeta' fl-ghoti ta' zewg "written warnings" fl-ahhar gurnata tal-impjieg tal-appellanta, prattikament qabel l-gheluq tal-post tax-xoghol.

It-Tribunal jidhirlu li l-procedura wzata kienet nieqsa mis-serjeta'.

Ghalkemm it-Tribunal Industrijali ripetutament jesigi li qabel ma l-impjegat jigi illicenzjat ghandu jigi mwissi diversi drabi bil-miktub dan ma jfissirx li jsir billi bhal fil-kaz odjern fejn l-appellanta inghatat zewg twissijiet bil-miktub fl-istess hin li giet mgharfa li kienet qeghda tigi ssensjata b'effett immedjat, bis-Socjeta' erratament tahseb jew tifhem li

b'hekk kienet qeghda tissodisfa n-necessita' li l-impjegata kienet giet mwissija bil-miktub.

F'dan il-kuntest, it-Tribunal irid jiddeciedi mhux biss jekk it-terminazzjoni tal-impjieg kinitx gusta ghabbazi tal-formalita', izda jekk kinitx gusta skond il-fatti u c-cirkostanzi kollha nvoluti fil-kwistjoni.

Decizjoni.

It-Tribunal Industrijali wara li ra u kkunsidra l-i*Statements of Case* tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijet u l-osservazzjonijiet finali tal-partijiet, jinnota li l-procedura wzata meta l-appellanta giet mghotija zewg "written warnings" fl-istess hin li gie tterminat l-impjieg taghha, kienet zbaljata.

Waqt li t-Tribunal hu sodisfatt li veru kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-appellanta, veru wkoll fil-fehma tat-Tribunal li kien hemm sa mill-bidu nett nuqqas ta' qbil bejn l-appellanta u il-kollegi taghha, sitwazzjoni li zgur irrendiet l-pozizzjoni tal-appellanta difficli, u per se sitwazzjoni li zgur influwenzat lis-Socjeta' fid-decizjoni li hadet.

Fic-cirkostanzi bhal dawn, kien ikun ferm ahjar ghas-Socjeta' li kieku tterminat l-impjieg tal-appellanta fil-perjodu tal-prova (*probation*). Il-fatt li dan ma sarx fil-fehma tat-Tribunal tenut kont il-kunsiderazzjonijit tieghu citati aktar il-fuq, irrenda d-decizjoni tas-Socjeta' inekwa.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jsib u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanta fic-cirkostanzi kollha ma tistax titqies gusta.

Jiddeciedi li l-appellanta Gail Smith Brundyn ghandha tinghata kumpens mis-Socjeta' Mayoka Ltd fis-somma ta' tlett mitt Liri Maltin (Lm300) fi zmien tletin gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------------------

Carmel Debono

Chairman